MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 3/2010

**Jackie Jordan**

**vs**

**British High Commission**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Jannar, 2010, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 3 ta' April 2007 mill-Avukat Dr. Henry Antoncich li baghat din l-ittra ghan-nom ta' Jackie Jordan fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.

Ms Jackie Jordan kienet assistita mill-Avukat Dr. Henry Antoncich u ghall-British High Commission deher John Green assistit minn Dr. Peter Fenech.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjarat li kienet tahdem mal-British High Commission minn 1996 bhala Assistenta personali ghal Deputy High Commissioner u kienet taghmel xoghol ukoll bhala segretarja u xoghol klerikali. Bhala fatt l-ahhar gurnata tax-xoghol taghha kien fis-sitta (6) ta' Jannar 2007 meta tterminaw ix-xoghol taghha. Ukoll l-esponenti ddikjarat illi impjegata ohra hadet kumpens talli tkecciet ukoll minhabba "redundancy" u b'hekk giet diskriminata kif ukoll ddikjarat li gew impjegati ohrajn warajha pero tkecciet hi qabilhom.

Il-British High Commission fl-istqarrija taghha qal li t-terminazzjoni tal-impjieg ta’ Jackie Jordan gie terminat minhabba process ta' ristrutturar u gie deciz illi ma kienx hemm bizzejjed xoghol ghal Jackie Jordan u b'hekk ix-xoghol taghha gie terminat.

Gie indikat lit-Tribunal minn Dr. Henry Antoncich l-Avukat ta' Jackie Jordan illi dan il-kaz huwa kaz ta' tkeccija ingusta kif ukoll ta' diskriminazzjoni.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehdet Jackie Jordan fejn iddikjarat illi kienet ilha tahdem mal-British High Commission ghal ghaxar snin u nofs u l-ahhar gurnata tax-xoghol taghha kien fis-6 ta' Jannar 2007. Inghatat tlett mitt Lira Maltin (LM300) mat-terminazzjoni tax-xoghol taghha. Saret taf li kollega taghha inghatat hmistax il-elf Lira Maltin (LM15,000). Hi kienet impjegata bhala Assistenta personali ghal Deputy High Commissioner. Ukoll

kienet taghmel xoghol bhala Assistenta personali ghall-High Commissioner meta l-assistenta tieghu kienet bil-leave. Tkecciet mix-xoghol ghar-raguni ta' "Redundancy". Qalet illi certu Nadia Muscat Gatt inghatat kumpens ta' hmistax il-elf Lira Maltin (Lm15,000).

Xehed John Green li huwa inkarigat mill-Human Resources mal-High Commission fejn qal li Jackie Jordan kienet efficjenti fix-xoghol taghha. Wara li sar "audit" fuq il-haddiema kollha u gie notat illi ma kienx hemm xoghol ghal Jackie Jordan u ghalhekk tkecciet. Ghar-rigward Nadia Muscat Gatt kienet inghatat kumpens ta' hmistax il-elf Lira Maltin (Lm15,000) li jinkwadra ghal madwar sentejn xoghol minhabba l-fatt li ma setghux ikeccuha u minhabba il-"last in first out". Ms Muscat Gatt kienet taghmel xoghol ta' Systems Administrator u ta' Manager liema xoghol gie mghoddi lill-persuna ohra. Ix-xoghol ta' Ms Muscat Gatt inghata lin-nies ohrajn pero ma kinetx l-ahhar wahda impjegata f’dik is-sezzjoni fejn kienet tahdem. Ghalhekk wasslu ghal ftehiem.

Xehdet Ms Nadienne Gatt fejn qalet li hademt mal-British High Commission ghal madwar seba' snin u nofs u kienet impjegata bhala LE 3. Qabilha kienet dahlet Jackie Jordan kif ukoll xi haddiema ohrajn. Jackie Jordan kienet fl-istess grad taghha. Kienet taghmel xoghol ta' systems administration pero kienet taghmel xoghol iehor. Giet infurmata illi kellha titlaq minhabba ragunijiet ta' finanzi. Hi kienet accettat. Hi kienet taqla madwar sebat elef u erbgha' mitt Lira Maltin (LM7,400) fis-sena. Qalet ukoll illi kien hemm tlett haddiema li dahlu wara u li baqghu hemm. Ix-xhud ikkonfermat illi kienet impjegata bhala LE 3. Qalet ukoll illi fil-grad ta' LE 3 hemm sezzjonijiet differenti u Jackie Jordan ghalkemm fl-istess grad kienet f’sezzjoni differenti.

Xehdet Jennifer Debono impjegata mal-ETC fejnipprezentat lista ta' impjegati passati u prezenti tal-British High Commission.

Xehdet ukoll Diane Terpougoff impjegata tal-British High Commissin. Xehdet li bdiet tahdem fl-Lulju 2000 u issa tahdem bhala Human Resources Officer. Qalet illi meta meta dahlet Jackie Jordan kienet gja impjegata hemmhekk. Hadd ma kellimha dwar xi tkexxija mill-impjieg.

Xehed Benjamin Bugeja li kien jahdem mal-British High Commission fejn qal li kien ilu jahdem hemm ghal sebgha u ghoxrin (27) sena. Kien impjegat fil-grad ta' LE 3 officer. Ikkonferma illi Jackie Jordan kienet ukoll LE 3. Ikkonferma ukoll illi Nadienne Muscat Magri kienet ukoll LE 3. Iddikjara illi anki huwa tkecca fuq nuqqas ta' xoghol.

Xehdet Ms Glynis Pace fejn qalet li kienet tahdem mal-British High Commission ghal disa' snin u tkecciet fuq nuqqas ta' xoghol nhar is-16 ta' Mejju 2008. Kienet tahdem fil-grad ta' LE 3.

Regghet xehdet Jackie Jordan in kontro-ezami fejn spjegat x'kien xoghlha u li kienet taf li kien qed isir "audit" mal-ambaxxati kollha tad-dinja. Kienet taf ukoll illi generalment il-PA ghall-High Commissioner ikun mibghut minn Londra u dan minhabba ragunijiet ta' kunfidenzjalita u ghalhekk ma setghtex tinghata dan ix-xoghol. Ix-xhud xehdet illi Nadienne Muscat Gatt kienet fl-istess grad ta' LE 3 pero kienet fil-kategorija tal-computers. Diane Turpogof kienet ukoll LE 3 dahlet warajha u hemm impjegati ohra fuq LE 3 u ma gewx imkeccija u kkonfermat ukoll illi minn hu fuq LE 3 ghandhom l-istess paga.

Xehdet Yvonne Ratcliff fejn ipprezentat organization sheet ta’ l-impjegati tal-British High Commission. Qalet illi fil-grad ta' LE 3 hemm diversi sezzjonijiet li meta jkun hemm post vakanti

fis-sezzjoni jingieb avviz halli kuhadd jista' japplika.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li qieghed jevalwa dan il-kaz fuq zewg binarji l-ewwel jekk it-tkeccija kienet ingusta u t-tieni jekk kien hemm xi trattament diskriminatorju.

It-Tribunal qieghed jemmen illi verament sar "audit" tal-haddiema u certu xoghol naqas u kull principal ghandu dritt illi jittermina ix-xoghol ta' impjegat f'dan il-kas. It-Tribunal qieghed jemmen ukoll illi x-xoghol li kien baqalha Jackie Jordan gie imqassam lill-persuna ohra u ghalhekk ghar-rigward it-tkeccija ingusta qieghed jikkunsidera illi l-British High Commission kien gustifikat li jkecci lil Jackie Jordan.

It-Tribunal ser jghaddi biex jikkunsidera t-tieni aspett tal-kaz u dan jekk kien hemm diskriminazzjoni jew le mat-terminazzjoni tax-xoghol ta' Jackie Jordan.

Jidher illi l-kaz ghandu importanza l-artiklu tnejn (2) tal-Kap 452 meta l-Ligi taghti tifsira lit-Trattament diskriminatorju fejn tghid:

"tfisser kull distinzjoni, eskluzjoni, jew negazzjoni li ma tkunx gustifikabbli f'socjeta demokratika inkluz diskriminazzjoni...."

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-artiklu 26(1)(b) tal-Kap 452 fejn tghid:

"............... fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' impjieg jew tkeccija"

It-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghall-artiklu 36(4) tal-Kap 452 fejn tghid:

> minhabba l-fatt li l-impjegata l-ohra inghatat kumpens qawwi u lil Jackie Jordan inghatat ammont zghir hafna.
>
> Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jilqa' dan l-appell limitatament ghall-trattament diskrimatorju fil-konfront tal-British High Commission u jikkundanna lill-British High Commission jhallas kumpens lil Jackie Jordan fl-ammont ta' wiehed u erbghin elf euros (41,000 euros) bl-ispejjes kontra l-British High Commission.
>
> Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 ta’ l-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euro (euro 93).
>
> B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.**”**

Minn din is-sentenza appellat il-British High Commission biex tikkuntesta lit-Tribunal illi dan ma kienx messu zammha responsabbli ghad-danni ghab-bazi ta’ diskriminazzjoni, una volta ddetermina illi d-decizjoni tat-temm ta’ impjieg minhabba *redundancy* kienet gustifikata;

Bla dubju ma jistax ikun disputat illi f’kaz li principal ikun irid itemm impjieg ta’ xi haddiem l-ewwel obbligu primarju tieghu hu wiehed ta’ natura formali u procedurali fis-sens li huwa ghandu jikkomunika lill-impjegat ir-raguni tat-terminazzjoni. Jinghad, difatti, fl-Artikolu 36 (3) ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali illi “kuntratt ta’ servizz ghal zmien bla limitu jista’ jintemm, bl-ghoti ta’ l-avviz kif specifikat fis-subartikolu (5) ... bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (14), fuq bazi ta’ *redundancy* biss.” Fil-kaz prezenti l-kawza tat-terminazzjoni kienet wahda ta’ *redundancy* u dan hu hekk specifikament u kjarament ikkwalifikat;

Ma’ din ir-raguni l-appellata jidher li ma qabletx u fit-talba taghha lit-Tribunal issottomettiet illi t-tkeccija taghha ma kientx gustifikata fit-termini tal-ligi, anke ghaliex kuntarja ghall-principju tal-“*last in first out*”. Mhux dan biss pero` in kwantu, kif issoktat tispjega fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha (para. 8), hi tghid li ma gietx “*fairly treated vis-a-vis other employees who were at the same time rendered ‘redundant’, and in fact while another employee with much less working experience left with a package of some fourteen thousand Maltese liri (Lm14,000), appellant left only with three hundred Maltese liri (Lm300)*”;

Il-kuncett ta’ *redundancy* gie spjegat bosta drabi mit-tribunali taghna (ara Award Nru 55 tat-18 ta’ Novembru, 1970 moghti mit-Tribunal ghall-Arbitragg u s-sentenzi fl-ismijiet “**Ronald John Pace -vs- Lawrence Baron *nomine***”, Qorti tal-Kummerc, 4 ta’ Ottubru, 1976 u “**John Muscat -vs- Gordon Urmston Munro**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 20 ta’ April, 1977). Terga’ l-kwestjoni rilevanti hawnhekk lanqas ma tirrigwarda *ut sic* ir-raguni tar-*redundancy* ghaliex it-Tribunal accetta l-proposizzjoni tal-British High Commission illi dik ir-*redundancy* kienet gustifikata minhabba process ta’ ristrutturar. Ghall-appellanti, il-vertenza principali li fuqha ressqet l-appell tirriverti fuq il-punt dwar jekk it-Tribunal ghamelx sewwa li, accertata r-*redundancy*, issokta jinoltra ruhu biex jillikwida in via ta’ rizarciment kompensatorju ghall-motiv tal-konstatazzjoni minnu ta’ att diskriminatorju fit-trattament ma’ l-appellata “*a fine rapporto*”. Materja din li certament tinvolvi indagini ta’ fatt u ta’ applikazzjoni tal-ligi ghall-iskop li jkun determinat jekk ir-*redundancy* kellhiex ggib maghha b’konsegwenza x-xorta ta’ retribuzzjoni akkordata lill-appellata mit-Tribunal;

L-appellanti jikkontendi illi fl-ezercizzju kondott mit-Tribunal dan ghamel interpretazzjoni erroneja ta’ l-Artikoli 26, 27, 28, u 29 tal-Kapitolu 452, ibbaza ruhu fuq emenda fil-ligi ghall-Artikolu 26 li kienet inapplikabbli in kwantu introdotta fil-mori tal-kawza u, agguntivament, illi t-

Tribunal fehem hazin l-interpretazzjoni tal-definizzjoni ta' "klassi" meta interpreta l-grad LE 3;

Premess dan, l-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hi dik li fis-sentenza appellata t-Tribunal issofferma ghal dik li hi applikazzjoni tal-ligi ghad-definizzjoni ta' "trattament diskriminatorju" fl-Artikolu 2 ta' l-Att, kif ukoll ghall-Artikolu 26 (1) (b) u l-Artikolu 36 (4) ta' l-istess Att. Huwa biss f'dawn il-parametri normattivi illi t-Tribunal wasal ghad-deduzzjoni tieghu ta' att ta' diskriminazzjoni fil-konfront ta' l-appellata. L-accertament fil-konkret ta' din ir-rikorrenza timplika ezami ta' l-elementi li jintegraw dawn l-parametri normattivi hekk imqeghda mit-Tribunal fuq il-pjan tal-gudizzju tal-fatti li kellu quddiemu;

Jibda biex jinghad illi hemm qbil ma' l-appellanti illi l-Artikolu 26 (1) (b) kif kien fil-mument antecedenti ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellata kien jaqra hekk: "Hadd ma jista' rigward impjegati li huma diga` fl-impjieg tal-principal, jassoggetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati ghal trattament diskriminatorju, fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' impjiegi". Kien biss bl-Att V ta' l-2009 illi ghal din id-disposizzjoni zdiedu l-kliem "<u>jew tkeccija</u>". Il-konsegwenza hi skond l-appellanti illi allura dan il-provvediment tal-ligi ma kienx fil-fattispeci applikabbli. Huwa forsi utli li jigi mfakkar illi l-principji tan-non-diskriminazzjoni derivanti minn certi Direttivi ta' l-Unjoni Ewropeja hasbu ghal trattament ugwali fl-impjiegi mhux biss fil-kaz ta' impjieg jew tal-kondizzjonijiet tieghu izda wkoll b'inkluzjoni ghal rimunerazzjoni u tkeccija. Ara l-Avviz Legali 461 tas-sena 2004 li permezz tieghu gew trasportati b'Regolamenti d-Direttivi tal-Kunsill 2000/78/KE u 2000/43/KE. F'din l-ottika l-Qorti ma ssibx raguni biex takkolji l-ilment ta' l-appellanti in kwantu t-trattament li jgib mieghu l-finalita` tar-rapport ta' impjieg ghandu jaskrivi ruhu wkoll ghal dawk tad-disposizzjonijiet relattivi ghan-non-diskriminazzjoni, b'mod partikulari, ghal dawk li huma "*redundancy payments*". Huwa f'dan li fil-hsieb tal-Qorti tinsab il-krucjalita tad-decizjoni appellata;

Il-ligi promulgata bil-Kapitolu 452 ghandha certament skop ekonomiku u socjali ghat-tutela ta' l-impjegati. Dan anke minghajr l-applikabilita` tad-Direttivi ta' l-Unjoni. Bis-sahha ta' dawn, imbaghad, kif regolati fid-diversi Avvizi Legali ta' dawn l-ahhar snin, il-ligi giet rafforzata aktar ghal dak l-istess harsien bl-iskop li tevita kemm tista' trattamenti diversi. Dan sija fil-waqt ta' applikazzjoni ghall-impjieg, sija fil-kors u d-durata ta' l-impjieg, u sija fil-mument tal-finalita` tieghu;

Huwa fatt illi l-appellata kienet ilha fl-impjieg mal-British High Commission ghall-perijodu ta' ghaxar snin u aktar. Huwa fatt ukoll li ma kien hemm xejn x'jinghad kontra l-efficjenza u l-bzulija taghha f'xoghlha. Dan hu sew attestat minn varji ittri rakkomandatorji (fol. 10 sa fol. 12) ta' Deputy High Commissioners successivi li maghhom hadmet. Bhal diversi impjegati ohra lokalment ingaggati hi wkoll kienet grad LE 3. L-appellata tilmenta li l-British High Commission kienet ingusta maghha ghaliex waqt li lill-impjegata ohra b'anqas anzjanita nghatatilha somma kospikwa, hi giet terminata b'ghotja ta' somma ferm inferjuri u li ma tikkompara bl-ebda mod ma' dik moghtija lil haddiehor u li kienet fl-istess grad taghha, anke jekk f'sezzjoni diversa minn dik taghha;

Hi t-tezi ta' l-appellanti illi l-appellata "*was not entitled to compensation under local labour law*" (ara xhieda ta' John Green, Management Officer/Consul a fol. 44 *et sequitur*). Hi wkoll it-tezi ta' dan ix-xhud illi l-appellata ma kienetx fl-istess klassi ta' impjieg ghal dik ta' l-impjegata l-ohra Nadienne Gatt. Din il-Qorti tistqarr li tezisti diversita bejn grad u klassi, kif hekk ukoll illustrat, mill-ottika ta' *redundancy*, fis-sentenza "**Joseph Brincat -vs- Jeffrey M Poulton *nomine***", Appell Kummercjali, 19 ta' Lulju, 1976. B'danakollu mill-perspettiva tad-diskriminazzjoni hu accettat illi fil-kaz ta' "redundancy payments", u din tidher li hi l-materja saljenti hawnhekk, "*the method of calculation must be the same for all employees who are made redundant*". Ara **Selwyn** "**Law of Employment**",

15th Edition, 2008 taht il-kapitlu "Discrimination in Employment" (para. 4.1 *et sequitur*);

Jista' forsi jigi objettat illi l-kaz ta' Nadienne Gatt kien wiehed specjali ghaliex lil din giet offruta li titlaq u allura r-*redundancy* taghha kienet wahda volontarja u mhux forzata. Kontra dan irid jinghad illi t-test veru ghad-determinazzjoni dwar jekk att partikolari jammontax ghal diskriminazzjoni hu dejjem oggettiv. Dan fis-sens li wiehed ghandu jhares lejn x'gara u mhux ghall-motiv jew ragunijiet ta' dak li gara;

Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma tarax illi t-Tribunal ma kellux jissanzjona l-agir ta' l-appellanti billi jakkorda lill-appellata trattament parifikatorju u dan permezz tar-retribuzzjoni li kien jisthoqqilha bhala "*redundancy payment*" ghaz-zmien tas-servizz li pprestat lil British High Commission.

Ghal motivi prredetti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------